SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

12 ta’ Mejju 2021*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-ħaddiema – Ugwaljanza fit-trattament – Vantaġġi soċjali – Limiti massimi marbuta mar-riżorsi – Teħid inkunsiderazzjoni tar-riżorsi rċevuti matul is-sena ta’ qabel tal-aħħar li tippreċedi l-perijodu tal-ħlas tal-allowances – Ħaddiem li jirritorna fl-Istat Membru ta’ oriġini tiegħu – Tnaqqis tad-drittijiet għall-allowances tal-familja”

Fil-Kawża C-27/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-tribunal de grande instance de Rennes (il-Qorti Reġjonali ta’ Rennes, Franza), permezz ta’ deċiżjoni tas-7 ta’ Ġunju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta’ Jannar 2020, fil-proċedura

**PF,**

**QG**

vs

**Caisse d’allocations familiales (CAF) d’Ille-et-Vilaine,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn N. Wahl, President tal-Awla, F. Biltgen (Relatur) u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal PF u QG, minnhom innifishom,

– għall-Gvern Franċiż, minn E. de Moustier u A. Ferrand, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Vláčil u J. Pavliš, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġenta, assistita minn A. Giordano, avvocato dello Stato,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Martin u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 20 u 45 TFUE, tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72) kif ukoll tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2011, L 141, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, il-konjuġi PF u QG, ċittadini Franċiżi, u, min-naħa l-oħra, il-Caisse d'allocations familiales (CAF) d'Ille-et-Vilaine (il-Fond tal-Allowances tal-Familja (CAF) ta' Ille-et-Vilaine, Franza) dwar id-determinazzjoni tas-sena kalendarja ta' riferiment għall-finijiet tal-evalwazzjoni tad-dritt tagħhom għall-allowances tal-familja u tal-kalkolu tal-ammont ta' dawn tal-aħħar.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### *Ir-Regolament Nru 883/2004*

3 Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 883/2004, dan "għandhu japplika għal ċittadini ta' Stat Membru, persuni mingħajr Stat u refuġjati li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru li huma jew li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed, kif ukoll għall-membri tal-familji tagħhom u għas-superstiti tagħhom".

4 Skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament:

"Sakemm dan ir-Regolament ma jgħidx mod ieħor, persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom igawdu l-istess benefiċċji u għandhom ikunu suġġetti għall-istess obbligi taħt il-leġislazzjoni ta' kull Stat Membru daqs li kieku kienu ċittadini ta' dak l-Istat Membru."

### *Ir-Regolament Nru 492/2011*

5 L-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 492/2011 jipprovdi:

"1. Ħaddiem ċittadin ta' xi Stat Membru ma jistax, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ikun trattat b'mod differenti minn ħaddiema nazzjonali minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe kondizzjoni tal-impjieg u tax-xogħol, partikolarment fir-rigward ta' paga, tkeċċija u jekk hu jisfa' mingħajr xogħol, ingaġġ mill-ġdid jew impjieg mill-ġdid.

2. Huwa għandu jgawdi l-istess vantaġġi soċjali u ta' taxxa bħall-ħaddiema nazzjonali."

### *Id-dritt Franċiż*

6 Skont l-Artikolu L. 521-1 tal-code de la sécurité sociale (il-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali), allowances tal-familja huma dovuti mit-tieni wild dipendenti. L-ammont tal-allowances tal-familja huwa ddeterminat skont in-numru ta' tfal dipendenti kif ukoll skont ir-riżorsi tal-familja.

7 Fir-rigward tal-kalkolu tad-drittijiet għall-finijiet tal-għoti tal-allowances tal-familja, l-Artikolu R 532-3 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali jispeċifika li "[i]r-riżorsi miżmuma huma dawk irċevuti matul is-sena kalendarja ta' riferiment" u li "[i]s-sena kalendarja ta' riferiment hija s-sena ta' qabel tal-aħħar li tippreċedi l-perijodu tal-ħlas".

## **Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

8 Il-konjuġi PF u QG, li huma ċittadini Franċiżi, iddikjaraw, fl-2011 u fl-2012, dħul taxxabbli fl-ammont ta' EUR 59 734 u ta' EUR 63 680, rispettivament. Peress li kellhom erba' wlied minuri dipendenti, huma kienu jirċievu allowances tal-familja ta' ammont totali fix-xahar ta' EUR 458.02.

9 Il-ħlas ta' dawn l-allowances ġie interrott wara l-kollokament ta' QG, maġistrat tal-ġudikatura Franċiża, fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tinsab fil-Lussemburgu, għal perijodu ta' tliet snin. Minħabba l-pożizzjoni l-ġdida tiegħu, QG kellu żieda fid-dħul annwali tiegħu, liema dħul ikkorrisponda għas-somma ta' EUR 123 609 għas-sena 2015 u għas-somma ta' EUR 132 499 għas-sena 2016.

10 Wara r-ritorn ta' QG fi Franza u r-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg oriġinali tiegħu fix-xahar ta' Settembru 2017, li wassal għal tnaqqis sostanzjali fid-dħul, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali bagħtu, fl-1 ta' Diċembru 2017, applikazzjoni għall-allowances tal-familja liċ-CAF ta' Ille-et-Vilaine, filwaqt li sostnew li d-dħul li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni kellu jkun dak tad-dar fid-data ta' din l-applikazzjoni u li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu R 532-3 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, li jiddefinixxu s-sena kalendarja ta' riferiment bħala s-sena ta' qabel tal-aħħar li tippreċedi l-perijodu tal-ħlas, jiġifieri, f'dan il-każ, is-sena 2015, kellha tiġi skartata.

11 Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Jannar 2018, iċ-CAF ta' Ille-et-Vilaine indikalhom li l-ammont mensili tal-allowances tal-familja kien ta' EUR 115.65.

12 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw appell amministrattiv kontra din id-deċiżjoni, li ġie miċħud.

13 Huma adixxew lill-qorti tar-rinviju għall-finijiet tal-annullament tal-imsemmija deċiżjoni u bil-għan li jiġi stabbilit l-ammont mensili tal-allowances tal-familja li kellhom jitħallsu fl-ammont ta' EUR 462.62, ammont li jieħu inkunsiderazzjoni d-dħul aġġornat u n-numru ta' tfal dipendenti.

14 Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, iċ-CAF ta' Ille-et-Vilaine la osservat id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 20 u 45 TFUE, la l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 883/2004 u lanqas l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011. Barra minn hekk, l-Artikolu R 532-3 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u għalhekk huwa manifestament illegali.

15 Il-qorti tar-rinviju tfakkar, qabelxejn, li skont l-Artikolu 45 TFUE, il-moviment liberu tal-ħaddiema jimplika t-tneħħija ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, bejn il-ħaddiema tal-Istati Membri, għal dak li jirrigwarda l-impjieg, il-paga u l-kundizzjonijiet l-oħra tax-xogħol.

16 Sussegwentement hija tistaqsi dwar jekk id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex ta' natura diskriminatorja u, fl-affermattiv, jekk tistax tiġi ġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Fil-fatt, ikun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni li ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru jingħata, wara r-ritorn tiegħu f'dan l-Istat Membru, trattament inqas favorevoli minn dak li kien jibbenefika minnu li kieku ma għamilx użu mill-opportunitajiet mogħtija mit-Trattat fil-qasam tal-moviment liberu.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal de grande instance de Rennes (il-Qorti Reġjonali ta' Rennes, Franza) iddeċidiet li tissospendi l-kawża quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 20 u 45 [TFUE], kif ukoll l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 883/2004 u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu R 523-3 tal-code de la sécurité sociale (il-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali), li tiddefinixxi s-sena kalendarja ta' riferiment għall-kalkolu tal-benefiċċji tal-familja bħala s-sena ta' qabel tal-aħħar li tippreċedi l-perijodu ta' ħlas, li l-applikazzjoni tagħha twassal, f'sitwazzjoni fejn ir-riċevitur jissubixxi, wara żieda sostanzjali fir-rigward tad-dħul tiegħu fi Stat Membru ieħor, tnaqqis fir-rigward ta' dan id-dħul wara r-ritorn tiegħu fl-Istat ta' oriġini tiegħu, sabiex dan ir-riċevitur, bid-differenza tar-residenti li ma eżerċitawx id-dritt ta' moviment liberu tagħhom, ikun imċaħħad, fir-rigward ta' parti mid-drittijiet għal allowances tal-familja?"

**Fuq id-domanda preliminari**

18 Preliminarjament, għandu jiġi ddeterminat jekk id-dispożizzjonijiet kollha msemmija fid-deċiżjoni tar-rinviju humiex applikabbli għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrigwarda l-kollokament ta' uffiċjal nazzjonali fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

19 Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li ċittadin tal-Unjoni li jaħdem fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' oriġini tiegħu u li aċċetta impjieg f'organizzazzjoni internazzjonali jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Marzu 1989, Echternach u Moritz, 389/87 u 390/87, EU:C:1989:130, punt 11; tas-6 ta' Ottubru 2016, Adrien *et*, C-466/15, EU:C:2016:749, punt 24, kif ukoll tal-31 ta' Mejju 2017, U, C-420/15, EU:C:2017:408, punt 13).

20 Minn dan isegwi li ċittadin tal-Unjoni li jaħdem għal istituzzjoni jew korp tagħha fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' oriġini tiegħu ma jistax jiġi mċaħħad mid-drittijiet u l-benefiċċji soċjali mogħtija lilu permezz tal-Artikolu 45 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Marzu 1989, Echternach u Moritz, 389/87 u 390/87, EU:C:1989:130, punt 12, kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2016, Adrien *et*, C-466/15, EU:C:2016:749, punt 25).

21 Fir-rigward tal-Artikolu 20 TFUE, għandu jiġi rrilevat li, filwaqt li jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni, dan l-artikolu sempliċement jipprevedi li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom igawdu d-drittijiet u huma suġġetti għad-dmirijiet previsti mit-Trattat. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward, dan l-artikolu ma jistax jiġi applikat indipendentament mid-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat li jirregolaw id-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni, bħal, b'mod partikolari, l-Artikolu 45 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2004, My, C-293/03, EU:C:2004:821, punt 32, u tal-31 ta' Mejju 2017, U, C-420/15, EU:C:2017:408, punt 17).

22 Konsegwentement, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE ma hijiex rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

23 Lanqas ma hija rilevanti l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-uffiċjali tal-Unjoni ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "ħaddiema", fis-sens tar-Regolament Nru 883/2004, peress li ma humiex suġġetti għal leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà soċjali, kif jeżiġi l-Artikolu 2(1) tal-imsemmi regolament, li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' dan tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Ferlini, C-411/98, EU:C:2000:530, punt 41, u tas-16 ta' Diċembru 2004, My, C-293/03, EU:C:2004:821, punt 35).

24 Fir-rigward tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011, għandu jitfakkar li dan l-artikolu jikkostitwixxi biss l-espressjoni partikolari, fil-qasam speċifiku tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol, tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 45(2) TFUE u li għalhekk għandu jiġi interpretat bl-istess mod bħal dan l-artikolu tal-aħħar (sentenzi tat-23 ta' Frar 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-205/04, mhux ippubblikata, EU:C:2006:137, punt 15, u tat-13 ta' Marzu 2019, Gemeinsamer Betriebsrat EurothermenResort Bad Schallerbach, C-437/17, EU:C:2019:193, punt 16).

25 Il-fatt li l-ħaddiem inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa impjegat minn istituzzjoni tal-Unjoni ma huwiex determinanti f'dan ir-rigward, sa fejn l-għan ta' ugwaljanza fit-trattament imfittex mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 huwa intiż speċifikament sabiex jestendi lill-ħaddiema ċittadini ta' Stati Membri oħra l-benefiċċji soċjali kollha li, marbuta jew le b'kuntratt ta' impjieg, huma ġeneralment irrikonoxxuti lill-ħaddiema nazzjonali minħabba prinċipalment il-kwalità oġġettiva ta' ħaddiema tagħhom jew sempliċement minħabba r-residenza tagħhom fit-territorju nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2019, Generálny riaditeľ Sociálnej poisťovne Bratislava *et*, C-447/18, EU:C:2019:1098, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, u sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandu jitqies li d-domanda preliminari tirrigwarda biss l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE u tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011.

27 Għalhekk, permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, li tapplika bħala sena ta' riferiment għall-kalkolu tal-benefiċċji tal-familja li għandhom jingħataw is-sena ta' qabel tal-aħħar li tippreċedi l-perijodu tal-ħlas, b'tali mod li, fil-każ ta' żieda sostanzjali fid-dħul irċevut minn uffiċjal nazzjonali waqt kollokament f'istituzzjoni tal-Unjoni li tinsab fi Stat Membru ieħor, l-ammont tal-allowances tal-familja jiġi, mar-ritorn ta' dan l-uffiċjali fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu, sostanzjalment imnaqqas matul sentejn.

28 Fir-rigward tal-eżistenza ta' eventwali diskriminazzjoni li tmur kontra l-Artikolu 45(2) TFUE u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 492/2011, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tiffissa l-ammont tal-allowances tal-familja dovuti skont l-ammont tad-dħul irċevut mill-ħaddiem matul is-sena kalendarja ta' riferiment ddefinita bħala s-sena ta' qabel tal-aħħar li tippreċedi l-perijodu tal-ħlas, tapplika mingħajr distinzjoni għall-ħaddiema kollha, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, b'tali mod li ma tistax toħloq diskriminazzjoni bbażata direttament fuq in-nazzjonalità.

29 Barra minn hekk, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-qorti tar-rinviju tqis li din il-leġiżlazzjoni tista' toħloq diskriminazzjoni indiretta, peress li tista' tittratta b'mod inqas favorevoli lill-ħaddiema ċittadini ta' Stati Membri oħra b'paragun mal-ħaddiema nazzjonali.

30 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxix ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni pprojbit mill-Artikolu 45(1) TFUE, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni tipprekludi kull miżura li, anki jekk applikabbli mingħajr diskriminazzjoni marbuta man-nazzjonalità jew mar-residenza, tista' tostakola jew trendi inqas attraenti l-eżerċizzju, miċ-ċittadini tal-Unjoni, tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' April 2008, Gouvernement de la Communauté française et gouvernement wallon, C-212/06, EU:C:2008:178, punt 45, u tas-6 ta' Ottubru 2016, Adrien *et*, C-466/15, EU:C:2016:749, punt 26).

31 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 45 TFUE huwa intiż li jiffaċilita, għaċ-ċittadini tal-Unjoni, l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali ta' kull natura fit-territorju kollu tal-Unjoni u jipprekludi kull miżura nazzjonali li tista' tisfavorixxi dawn iċ-ċittadini meta jkunu jixtiequ jeżerċitaw attività ekonomika fit-territorju ta' Stat Membru ieħor (sentenzi tal-1 ta' April 2008, Gouvernement de la Communauté française u gouvernement wallon, C-212/06, EU:C:2008:178, punt 44; tal-21 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Ċipru, C-515/14, EU:C:2016:30, punt 39, kif ukoll tas-7 ta' Marzu 2018, DW, C-651/16, EU:C:2018:162, punt 21).

32 B'hekk, l-Artikolu 45 TFUE għandu bħala għan b'mod partikolari li jiġi evitat li ħaddiem li, filwaqt li jkun għamel użu mid-dritt ta' moviment liberu tiegħu, ikun assuma impjiegi f'iktar minn Stat Membru wieħed jiġi, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva, ittrattat b'mod inqas favorevoli minn dak li jkun wettaq il-karriera tiegħu kollha fi Stat Membru wieħed (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Marzu 1991, Masgio, C-10/90, EU:C:1991:107, punt 17; tal-21 ta' Jannar 2016, Il-Kummissjoni vs Ċipru, C-515/14, EU:C:2016:30, punt 42, u tas-7 ta' Marzu 2018, DW, C-651/16, EU:C:2018:162, punt 23).

33 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-benefiċjarji tal-allowances tal-familja li eżerċitaw id-dritt għall-moviment liberu ma humiex ittrattati b'mod inqas favorevoli mill-benefiċjarji ta' tali allowances li ma eżerċitawx dan id-dritt.

34 Fil-fatt, skont leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru li kellu, meta ċċaqlaq lejn Stat Membru ieħor, varjazzjonijiet fl-ammont tad-dħul tiegħu, 'il fuq jew 'l isfel, ikun suġġett għall-istess metodi ta' kalkolu tal-allowances tal-familja bbażati fuq id-dħul irċevut matul il-perijodu ta' riferiment bħal dawk applikabbli għal ħaddiem li ma telaqx mill-Istat Membru ta' oriġini tiegħu filwaqt li kellu varjazzjonijiet identiċi fid-dħul tiegħu.

35 B'hekk, fil-każ tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ittieħed inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tat-tnaqqis tal-allowances tal-familja minħabba r-ritorn tagħhom fl-Istat Membru ta' oriġini, id-dħul ogħla rċevut meta dawn kienu fi Stat Membru ieħor, bl-istess mod bħalma żieda simili fid-dħul irċevut minn ħaddiem li ma jkunx għamel użu mid-dritt tiegħu ta' moviment liberu kien iwassal għal tnaqqis simili tal-ammont ta' dawn l-allowances.

36 Għaldaqstant, ma huwiex l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu bħala tali li wassal, fir-rigward tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, għal tnaqqis tal-ammont tal-allowances dovuti, iżda l-fatt li d-dħul irċevut minn dawn tal-aħħar meta ċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor kien ogħla minn dak irċevut qabel jew wara dan iċ-ċaqliq.

37 Għalkemm ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li ma jikkontestawx il-kompetenza tal-Istat Membru ta' oriġini tagħhom sabiex jorganizza s-sistema ta' sigurtà soċjali tiegħu billi jadotta b'mod partikolari l-modalitajiet ta' determinazzjoni tal-allowances li għandhom jiġu rċevuti, huma madankollu jsostnu li familja li kellha żieda fir-riżorsi tagħha simili għal tagħhom filwaqt li baqgħet fit-territorju tal-Istat Membru ta' oriġini, kompliet tirċievi matul sentejn allowances tal-familja miżjuda, minkejja li d-dħul kurrenti qabeż il-limitu massimu ta' dħul stabbilit mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u li huwa biss b'effett mit-tielet sena li dawn l-allowances tnaqqsu.

38 Billi jargumentaw li s-sitwazzjoni ta' tali familja kienet perfettament newtrali, minkejja t-teħid inkunsiderazzjoni differit tal-iżvilupp effettiv tar-riżorsi tagħha, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jikkritikaw, fir-realtà, mhux il-modalitajiet ta' determinazzjoni tal-ammont tal-allowances tal-familja, iżda pjuttost il-fatt li ma setgħux ikomplu jirċievu, fid-dawl ta' kumpens eventwali fil-każ ta' ritorn, allowances tal-familja miżjuda matul iż-żmien li huma għaddew fi Stat Membru ieħor.

39 Issa, id-dritt primarju ma jistax jiggarantixxi lil persuna assigurata li ċaqliq fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru ta' oriġini tagħha jkun newtrali fir-rigward tas-sigurtà soċjali, b'mod partikolari fil-qasam tal-benefiċċji tal-mard jew tal-pensjonijiet tax-xjuħija, jew anki tal-allowances tal-familja. Fil-fatt, għandu jitfakkar li ċ-ċaqliq ta' ħaddiem fi Stat Membru ieħor jista', skont il-każ u minħabba differenzi li jeżistu bejn is-sistemi u l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri, ikun ftit jew wisq vantaġġjuż għall-persuna kkonċernata fil-livell tal-protezzjoni soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2016, Adrien *et*, C-466/15, EU:C:2016:749, punt 27, u tat-18 ta' Lulju 2017, Erzberger, C-566/15, EU:C:2017:562, punt 34).

40 Konsegwentement, il-fatt li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma setgħux jibbenefikaw, meta ċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor, mill-allowances tal-familja mħallsa mill-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, u li l-allowances tal-familja rċevuti fil-każ ta' ritorn f'dan l-aħħar Stat ma humiex, matul sentejn, konsistenti mad-dħul tagħhom miksub matul dan il-perijodu, ma jistax jikkostitwixxi trattament inqas favorevoli li jmur kontra l-moviment liberu tal-ħaddiema u, b'mod iktar partikolari, l-Artikolu 45 TFUE.

41 L-istess konklużjoni tapplika fir-rigward tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, peress li din id-dispożizzjoni għandha, kif tfakkar fil-punt 24 ta' din is-sentenza, tiġi interpretata bl-istess mod bħall-Artikolu 45 TFUE.

42 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argumentazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tinfluwenza d-deċiżjoni ta' ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru li jiċċaqlaq lejn Stat Membru ieħor sabiex jaħdem u jirċievi dħul ogħla, peress li, meta jirritorna fl-Istat Membru ta' oriġini, huwa jiġi ppenalizzat minħabba ħlasijiet ta' allowances tal-familja ta' ammont sostanzjalment imnaqqas, għandu jitfakkar li r-raġunijiet li għalihom ħaddiem migrant jagħżel li juża l-libertà tiegħu fi ħdan l-Unjoni ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata n-natura diskriminatorja ta' dispożizzjoni nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, Zentralbetriebsrat der gemeinnützigen Salzburger Landeskliniken, C-514/12, EU:C:2013:799, punt 33).

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tikkunsidra bħala sena ta' riferiment għall-kalkolu tal-benefiċċji tal-familja li għandhom jingħataw is-sena ta' qabel tal-aħħar li tippreċedi l-perijodu tal-ħlas, b'tali mod li, fil-każ ta' żieda sostanzjali fid-dħul irċevut minn uffiċjal nazzjonali meta kien ikkollokat f'istituzzjoni tal-Unjoni li tinsab fi Stat Membru ieħor, l-ammont tal-allowances tal-familja jiġi, mar-ritorn ta' dan l-uffiċjal fl-Istat Membru ta' orġini, sostanzjalment imnaqqas matul sentejn.

## Fuq l-ispejjeż

44 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tikkunsidra bħala sena ta' riferiment għall-kalkolu tal-benefiċċji tal-familja li għandhom jingħataw is-sena ta' qabel tal-aħħar li tippreċedi l-perijodu tal-ħlas, b'tali mod li, fil-każ ta' żieda sostanzjali fid-dħul irċevut minn uffiċjal nazzjonali meta kien ikkollokat f'istituzzjoni tal-Unjoni li tinsab fi Stat Membru ieħor, l-ammont tal-allowances tal-familja jiġi, mar-ritorn ta' dan l-uffiċjal fl-Istat Membru ta' orġini, sostanzjalment imnaqqas matul sentejn.**

Firem